**Malajr ħrabiltna**

Malajr ħrabtilna f'età tant żgħira
Meta quddiemek mifruxa ħajtek,
Tistenniek kienet ħa tkompli tgawdi
Dak li l-wisq għażiża ommok tagħtek.

Rajtha l-ħarsa tiegħek tant tissielet
Għal kull nifs prezzjuż daqs l-ifjen deheb,
Rajtha fik ir-rieda fik hekk tal-għaġeb
baqgħet tittama meta kollox għeb.

U x'naqbad ngħidlek meta quddiemi
Rajtek nieżla fil-ħofra mal-mejtin,
Meta filli qiegħdha lilna tkellem
filli nifsek spiċċa mal-imsejknin.

Ma nafx oħti xi kliem nista' ngħidlek
Qiegħdha issa quddiemi bla ħajja,
Kif għidli nista' insabbar lil ommok?
Kif se nneħħi minn missierek l-għajja?

U lil sieħbek li tant baqa' miegħek
X'ħa naqbad ngħidlu issa f'dan il-ħin?
Tgħid sa jifhimha dik is-sentenza
Li int ħallejtna, mort għand il-Bambin?

Emminni li kliemi lkoll ħarbuli
U kelma li hi kelma żgur m'għandix,
Ara x'nagħmlu, se niskot u nisma'
Jitkellem Hu saħħa ma baqagħlix.

Ħaġa waħda imma nista' ngħidlek
Li qabel ħallejtna għal tlett darbiet,
Biswietek tlabna l-Kurunella li
Wisq ħejjietek għas-sema l-barkiet.

Għalhekk strieħ issa oħtna l-għażiża
Tibqax iddur magħna postok mhux hawn,
Itla' issa, ħu postok fis-sema
Ftakar fina mal-qtajja' għax dawn.

Jitolbu għalina quddiem it-Tron
Biex il-Missier bieb qalbna jħabbtilna,
Isa, ibda' minna issa semmina
Miegħu avolja malajr ħrabtilna.

Patri Mario Attard OFM Cap
8 ta' Marzu 2021

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.